

Il-Ġurnal Uffiċjali L 316 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

6 ta' Diċembru 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni (UE) 2019/2071 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data** 1

Rettifika

- ★ **Rettifika tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019)** 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2019/2071 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Diċembru 2019

li taħtar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-lista ta' kandidati stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fit-30 ta' Ottubru 2019, skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, wara sejħa pubblika għal kandidati, bil-ħsieb tal-ħatra tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/886/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, is-Sur Giovanni BUTTARELLI nħatar bħala l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u s-Sur Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI bħala l-Assistent Kontrollur, għall-perijodu mill-4 ta' Diċembru 2014 sal-5 ta' Diċembru 2019.
- (2) Is-Sur Giovanni Buttarelli miet fl-20 ta' Awwissu 2019. F'konformità mal-Artikolu 100(4) tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-Assistent Kontrollur għalhekk issostitwixxa lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-bqija tal-mandat tal-Assistent Kontrollur, li jintemm fil-5 ta' Diċembru 2019.
- (3) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jinħatar bi qbil komuni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għal perijodu ta' ħames snin mis-6 ta' Diċembru 2019,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI huwa b'dan maħtur bħala l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-perijodu mis-6 ta' Diċembru 2019 sal-5 ta' Diċembru 2024.

⁽¹⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 li taħtar il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Assistent Kontrollur (ĠU L 351, 9.12.2014, p. 9).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2019.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2019.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
D. M. SASSOLI

Għall-Kunsill
Il-President
M. LINTILÄ

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 130 tas-17 ta' Mejju 2019)

Fil-paġna 30, l-Artikolu 51 (2),

minflok: “2. Minkejja l-paragrafu 1 l-Artikolu 16, il-punt (c) tal-Artikolu 20, l-Artikoli 21, 22 u 23, l-Artikolu 24(1), (2) u (3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 24(4), l-Artikolu 24(8) u (9), l-Artikoli 25 sa 42, l-Artikoli 46 u 47, l-Artikolu 50(1), (4) u (6), il-punti 39(d) u 40(d) tal-Anness I u d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 relatati ma' daww id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mit-8 ta' Ġunju 2019.”,

aqra: “2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Artikolu 14(2), l-Artikolu 16, il-punt (c) tal-Artikolu 20, l-Artikoli 21, 22 u 23, l-Artikolu 24(1), (2) u (3), l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 24(4), l-Artikolu 24(8) u (9), l-Artikoli 25 sa 42, l-Artikoli 46 u 47, l-Artikolu 50(1), (4) u (6), il-punti 39(d) u 40(d) tal-Anness I u d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 relatati ma' daww id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mit-8 ta' Ġunju 2019.”,

Fil-paġna 32, il-punt 4 Spirtu tal-inbid, il-punt (a) (i),

minflok: “(i) hija prodotta esklussivament permezz tad-distillazzjoni f'anqas minn 86 % vol. ta' nbid, inbid imsaħħaħ għad-distillazzjoni jew distillat tal-inbid iddistillat f'anqas minn 86 % vol.”,

aqra: “(i) hija prodotta esklussivament permezz tad-distillazzjoni f'anqas minn 86 % vol. ta' nbid, inbid imsaħħaħ għad-distillazzjoni jew distillat tal-inbid.”.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

